MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2003

Numru 779/2001

Il-Pulizija
(Sp Jason Agius)
vs
Mark Anthony Zammit, iben Victor, imwieled Attard fil-15 ta'
awissu, 1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' ottubru, 2000 u matul is-snin preċedenti, bħala direttur tal-Price Club Operators Limited, Birkirkara b'diversi azzjonijiet magħmulin minnu, fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' kurrent elettriku minn meters tad-dawl li jinsabu fil-Price Club Supermarket ta' Luqa Road, Paola li l-valur

jeċċedi l-elf lira maltin liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta;
2. talli fl-istess żminijiet u ċirkostanzi għamel ħsara fil-makkinarju u\jew fil-gumni ta' l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' kurrent elettriku jew għamel ħsara jew kisser xi parti minn xi meter jew meters ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom jew xi makkinarju ieħor u cioe' il-meter cubicle jew xi parti minn xi appart ieħor jew gumni użati fil-provvista ta' l-elettriku jew is-siġilli tagħhom għad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.
Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-proċess u is-sentenza eżebita mill-prosekuzzjoni fl-ismijiet 'Il-Pulizija v Christopher Gauci et' deċiza minn din il-Qorti diversament presjeduta. Il-partijiet infurmaw il-Qorti li l-provi kollha li huma jridu jressqu huma ġja miġbura fl-atti ta' dik il-kawża u li huma qed jagħmlu referenza sħiħa għalihom.

Rat illi mill-provi prodotti l-akkużi miġjuba kontra l-imputat ma jistgħux jirriżultaw.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------